# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erghba 27 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   7**

**Avviz  numru     570/00/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Godfrey Zammit u l-istess Godfrey Zammit.**

**vs**

**Carmel Enriquez.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' mitejn disgha u disghin lira tmienja u tmenin centezmu (LM299.88,0) in kwantu ghal mitejn erbgha u sebghin lira tmienja u tmenin centezmu (LM274.88,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (LM25) lill-attur Godfrey Zammit, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Valletta fit-18 ta' Mejju 1999, meta waqt li hu kien qed isuq vettura Nru. LGY 369 habat mal-vettura Nru. FAJ 062 proprjeta' ta' l-attur Godfrey Zammit u misjuqa minn Brigette Zammit – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax bi htija tieghu;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi;**

**Tirrileva li r-rapprezentant legali tal-konvenut naqas li jidher ghat-trattazzjoni orali tal-kaz;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-11.50 a.m. tat-18 ta' Mejju ta' l-1999 goTriq l-Assedju l-Kbir bejn il-vettura tal-marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni FAJ-062 misjuqa minn Bridgette Zammit, bint l-assikurat, u l-vettura tal-marka Volvo bin-numru ta' registrazzjoni LGY-369 misjuqa minn Carmel Enriquez u proprjeta' tal-Merlin Car Hire;**

2. **Illi jirrizulta li meta Bridgette Zammit fuq indikata kienet fi triqtha ssuq fit-triq imsemmija tiela lejn il-Belt, hekk kif daret il-kantuniera fejn antikament kien hemm il-Manderaggio u meta kienet ghadha fil-karreggiata taghha kwazi mal-bankina, giet il-vettura misjuqa mill-konvenut, dahhlet fil-karreggiata taghha u ikkagunat il-kollizjoni de quo;**

3. **Illi anke kif jirrizulta mill-iskizz meritu ta' din il-procedura, il-vettura misjuqa mill-konvenut tidher li skonfinat sew fil-karreggiata tal-vettura ta' l-atturi u dan jirrizulta anke mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut li afferma li kellu jaghmel hekk peress li kien qieghed jissorpassa karozzin li inzerta fuq il-post;**

4. **Illi d-danni sofferti mill-atturi jirrizultaw li huma dawk indikati fl-avviz odjern;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi r-responsabbilita' ghall-incident in dizamina ghandha tigi akkollata lill-konvenut Carmel Enriquez stante:**

1. **Illi azzarda jeffettwa sorpass fi triq li ma tippermettix dan;**

2. **Illi dan is-sorpass, sahansitra sehh f'kantuniera;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghaldaqstant l-agir tal-konvenut fuq indikat juri nuqqas ta' prudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont globali ta' mitejn u disa' u disghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu, (LM299.88,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Carmel Enriquez biex ihallas l-ammont hekk likwidat kwantu ghall-mitjen u erba' u sebghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu, (LM274.88,0), lis-socjeta' assikurattrici attrici, u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), lill-attur Godfrey Zammit, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**